**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Emanuel Spagnol**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Spagnol**,** ta' 67 sena, iben Michele Spagnol u Catarina Spagnol nee` Cutajar, imwieled iż-Żejtun, Malta, nhar is-26 ta' April 1954 u residenti 86, Triq San Klement, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 353254M

   Akkuzat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u matul ix-xhur u s-snin ta' wara din id-data b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu ta' radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

U talli f'dawn il-Gżejjer, fl-għoxrin (20) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) u matul ix-xhur u s-snin ta' wara din id-data b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Kiseb vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika, xjentement agħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz;

3. u aktar talli, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi agħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, agħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

4. u aktar talli, bi ħsara ta' ħaddieħor, ghamel qligħ b`qerq mhux msemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000);

5. u aktar talli, ikkometta serq, liema serq huwa aggravat bil-'valur', liema ammont jeccedi is-somma ta' elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' sejbien ta' htija, l-imsemmi Emanuel Spagnol jiġi ordnat jirrestitwixxi lill-partijiet offiżi kull ħaġa minnu misruqa jew li hu akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara tal-partijiet offiżi bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dawk il-partijiet offiżi ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew ħsara oħra kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u rat id-dokumenti kollha ezebiti, u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

3. Rat li fis-seduta tal-25 t' April 2022, id-difiza issottomettiet li m'hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-istess seduta dwar jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. F'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-kwistjoni ta' x'inhu l-livell ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja, tiddeciedi li jkun hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza.

6. L-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali juza l-kliem *"ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza"*. Fl-ewwel lok din il-frazi tfisser li l-livell ta' prova li trid tressaq il-Prosekuzzjoni irid ikun oghla minn dak ta' suspett ragonevoli li l-imputat ikkommetta r-reati li bihom jinsab akkuzat. Suspett ragonevoli jiggustifika arrest u tfittxija,

pero mhux bizzejjed ghal din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi li l-imputat ghandu jitqieghed taht att t' akkuza. Il-livell ta' prova mressqa mill-Prosekuzzjoni irid ikun iktar oghli. Min-naha l-ohra, din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja m'ghandhix tesigi prova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni – dik hija l-funzjoni tal-gurija jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

7. Fid-digriet **Il-Pulizija vs Dottor Lawrence Pullicino** moghti fis-17 ta' Marzu 1988, fejn qamet kwistjoni identika, din il-Qorti, diversament preseduta, analizzat fil-fond il-kazistika in materja, u waslet ghal konkluzjoni segwenti:

8. *"Mill-gurisprudenza citata jidher illi jezisti cursus curiae fis-sens illi l-principju li ghandu jigi uzat huwa fuq il-livell ta' ezami ta' possibilita sa massimu ta' probabbilita, pero dejjem prima facie."*

9. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Lebrun** deciza fid-9 ta' Frar 2007, il-Qorti Kostituzzjonali analizzat id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istruttorja u irriteniet hekk:

*"Sinifikanti huwa l-fatt li, ghalkemm fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat jiddeciedi biss fuq bazi ta' prima facie – komparabbli ma' decizjoni fil-kamp civili, li tittiehed kemm mill-Prim'Awla u kemm mill-Qorti tal-Appell ghal diversi finijiet, li hemm probabilis causa litiganti - u minghajr ma l-istess Magistrat jaghmel valutazzjoni tal-provi biex jara lil min jemmen jew, f'kaz ta' zewg verzjonijiet opposti, liema verzjoni ghandha tregi, fl-istruttorja il-Qorti hi obbligata li tigbor u tikkonserva wkoll il-provi mressqa mill-imputat jekk dan jaghzel li jressaq tali provi f'dana l-istadju.*

*Fid-dawl ta' dan li ghadu kif inghad, ghalhekk, meta l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, galadarba d-decizjoni hija wahda fuq bazi prima facie u minghajr ma jittiehed kont tal-provi mressqa mid-difiza, anke jekk dawn ikunu tressqu fl-istadju tal-istruttorja, ma jistghax jinghad li dik id-decizjoni hija "decisive for the determination of the criminal charge." Dik id-decizjoni la tidhol fil-meritu u anqas tista tincidi fuq il-meritu – dejjem s'intendi jekk il-gudikant ma jkunx*

*esprima ruhu b'tali mod li jkun qal aktar minn dak li kien mehtieg li jghid. Huwa proprju ghalhekk li, fuq rinviju ghall-gudizzju maghmul mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(3) jew 433(5) tal-Kodici Kriminali, l-istess Magistrat li jkun iddecieda li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza jista' in segwitu jiddeciedi fil-meritu."*

10. Fis-sentenza **Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-23 ta' Settembru 2010, il-Qorti Kriminali[1] spjegat il-grad ta' prova tal-prima facie rikjest fi procedura ta' sfida kontra l-Kummissarju tal-Pulizija. Hija irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-*awtur ***Blackstone*** *(at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*

*Ghad li hawnhekk* ***Blackstone*** *qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*

*Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'****R. vs Codan*** *Qorti Kanadiza meta*

---

[1] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant is committal for trial. The Crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-* **Blackstone**, *fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on applaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla."*

11. Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra** deciza fis-17 ta' Frar 2014, il-Qorti Kriminali[2] regghet tenniet hekk dwar il-grad tal-prova tal-prima facie fl-eghluq tal-kumpilazzjoni:

*"Il-Qorti tal-Magistrati bbazat id-decizjoni taghha fuq il-livell tal-prova tal-probabbli u iddecidiet li l-provi milhuqa sa dak l-istadju ma jissodisfawx 'gudikant dwar l-elementi kollha tar-reati ipotizzati almenu sal-grad tal-probabbli.' Bir-rispett, dan hu zbaljat ghax il-grad li jrid jintlahaq huwa ferm anqas minn hekk u jidhol x'imkien bejn il-possibli u l-probabbli. Jekk il-Magistrat ikun sodisfatt mill-provi mismugha hemm almenu "a case to answer" li jimmerita aktar investigazzjoni, allura l-livell ta' prova "prima facie" intlahaq u l-proceduri jistghu jitkomplew. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-provi jkunu 'hearsay evidence' dawn f'certi cirkostanzi jista' jigi ikkunsidrati mill-Qorti meta jkunu ta' 'importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu … …" (ara l-art. 598 COCP res applikabbli ghall-kriminal bl-artikolu 645 tal-Kap. 9).*

[2] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*Ghal decizjoni aktar approfondita tat-tifsira tal-prova "prima facie" il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni minnha moghtija fl-atti tar-rikors* ***"Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"*** *deciza fit-23 ta' Settembru 2010, ikkwotat mill-istess Magistrat Istruttur li pero deherlu li kellu jaghmel differenza bejn il-'prima facie' f'kaz ta' sfida lill-Kummissarju (Art. 541 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-ragunijiet sabiex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.*

*Din il-Qorti ttenni li t-tifsira hija wahda, tintuza fejn tintuza u dak li japplika ghall-isfida japplika wkoll ghad-digriet tal-gheluq tal-kumplizzjoni."*

12. Ghalkemm din il-Qorti hija konxja li kien hemm ukoll sentenzi u decizjonijiet fejn gie ritenut li l-grad tal-prova f'dan l-istadju ghandu jkun dak tal-probabbli, din il-Qorti, kif preseduta, hija tal-opinjoni li l-grad tal-prova li ghandu jigi sodisfatt f'dan l-istadju huwa dak ta' bejn il-possibbli u l-probabbli. Kull interpretazzjoni differenti tkun tfisser li allura ma hemm l-ebda distinzjoni fil-kamp civili fuq il-grad tal-prova bejn decizjoni mehuda fuq bazi prima facie u decizjoni mehuda fil-meritu, ghaliex iz-zewg proceduri jirrikjedu prova sal-grad tal-probabbli. Tali interpretazzjoni ovvjament twassal ghal konkluzjoni assurda fil-kamp civili. Ghaldaqstant, il-grad tal-prova tal-prima facie fil-kamp civili huwa bil-fors inqas minn dak tal-probabbilita. Din il-Qorti temmen ukoll li t-tifsira ta' "prova sal-grad ta' prima facie" fl-ordinament guridiku Malti ghandha tkun wahda, tintuza fejn tintuza, kemm fil-kamp civili kif ukoll fil-kamp kriminali.

13. Konsegwentement, ghal fini tal-proceduri odjerni, huwa bizzejjed li din il-Qorti tkun sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi fl-eghluq tal-kumpilazzjoni, li jistghu legalment u ragonevolment iwasslu lill-Imhallef/Magistrat jew gurija debitament indirizzata li jsibu htija. Anki jekk il-kwistjoni tkun wahda dibattibli – cioe il-provi jistghu ragonevolment iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija, izda jistghu ukoll ragonevolment iwasslu ghall-konkluzjoni opposta – xorta jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza. Anke jekk il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni huma kontestati, din il-Qorti xorta trid tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex dan l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza, stante li m'hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti, bhala

Qorti Istruttorja, li tiddeciedi definittivament il-kawza fil-meritu, imma biss li tiddeciedi jekk hemmx *"ragunijiet bizzejjed"*.

14. Fid-dawl tal-konsiderazzjoni fuq esposti, din il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni sal-lum – liema provi jridu ovvjament ikunu provi ammissibbli – jistghux (mhux necessarjament ser) iwasslu persuna ragonevoli li tikkonkludi li (1) gew kommessi r-reati elenkati fic-citazzjoni u (2) li kien l-imputat li kkommetta dawn ir-reati, jew ghall-inqas uhud minnhom.

15. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, mill-provi jirrizulta *prima facie*:

(i) Nazzareno Fenech xtara l-fond numru 43, sussegwentement numru 48, u illum numru 86, Triq San Klement, Zejtun[3] b'kuntratt ta' bejgh tad-9 ta' Lulju 1954 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut.[4]

(ii) Nazzareno Fenech miet fit-18 ta' Lulju 1971,[5] u fl-ahhar testment tieghu datat 28 ta' Gunju 1970 fl-atti tan-nutar Dottor Robert Girard, huwa iddispona hekk:[6]

*"It-Tielet Artikolu*

*It-testatur ihalli b'titolu ta' prelegat lil bintu Maria Dolores mart Horatio Ellul il-fond urban iz-Zejtun, Saint Clement Street, numru tmienja u erbghin (48), a saldu tas-servigi li l-istess Maria Dolores Ellul irrendiet lit-testatur.*

*Ir-Raba' Artikolu*

*It-Testatur Nazzareno Fenech jinnomina u jistitwixxi eredi tieghu universali proprjetarji assoluti lill-uliedu kollha li jisimhom Carmela mart Antonio Spiteri,*

[3] Ghalkemm il-fond gie riferut fl-atti notarili b'numri differenti tul is-snin, ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, li dawn in-numri kollha jirreferu ghall-istess fond.
[4] Ara fol. 260 tal-process
[5] Ara fol. 162 tal-process.
[6] Ara fol. 86 tal-process.

*Vincenzina mart Emanuele Ellul, Rebecca mart Francesco Galea u Maria Dolores mart Horatio Ellul, ahwa Frendo, bis-sustituzzjoni vulgari u bid-dritt tal-accresciment."*

(iii) Mhux kontestat bejn il-partijiet u tirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Susan Bianchi,[7] li fid-data tal-mewt ta' Nazzareno Fenech, Maria Dolores Fenech kienet tghix ma' missierha fir-residenza li giet mholliha lilha bhala prelegat, u baqghet tghix f'din ir-residenza sad-data tal-mewt taghha fid-19 ta' Novembru 2015.[8]

(iv) Lanqas hu kontestat bejn il-partijiet, li wara l-mewt ta' missierha Maria Dolores Fenech qatt ma talbet lit-tlett hutha, l-eredi l-ohra ta' missierha biex isir att pubbliku sabiex formalment jimmettuha fil-pussess tal-prelegat tad-dar li giet imhollija lilha. Min-naha l-ohra, hutha hallewha tghix go din id-dar, u qatt ma ghamlu xejn fir-rigward ta' din id-dar.[9]

(v) Il-werrieta Vincenzina Ellul emigrat lejn l-Awstralja iktar minn erbghin (40) sena ilu, u jidher li nqata' l-kuntatt mal-familja.[10]

(vi) Il-werrieta Carmela Spiteri mietet fit-3 ta' Gunju 1995.[11]

(vii) B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tas-7 ta' Lulju 1995, Maria Dolores Ellul tat lill-imputat b'titolu ta' *datio in solutum* il-fond imholli lilha bi prelegat, ghas-*"self brevi manu, curi u assitenzi u servigi illi l-istess Spagnol kien ipprestalha u qatt mhallsa."*[12] Il-partijiet attribwew din l-assenjazzjoni il-valur ta' Lm3000. Fuq dan il-kuntratt deher l-imputat ghan-nom u fl-interess ta' Maria Dolores Ellul in forza ta' prokura generali moghtija lilu fl-20 ta' Gunju 1995, u Paolina mart Carmelo Busuttil ghan-nom u fl-interess tal-imputat.

---

[7] Ara fol. 115 tal-process.
[8] Ara fol. 161 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Susan Bianchi a fol. 116 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Susan Bianchi a fol. 117 tal-process.
[11] Ara fol. 160 tal-process.
[12] Ara fol. 97 tal-process.

(viii) B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tal-20 ta' April 1997, l-imputat ghan-nom un in rappresentanza ta' Carmela mart Antonio Spiteri, Vincenza mart Emanuele Ellul u Rebecca mart Francesco Galea, ahwa Frendo, *"kif verbalment delegat ghall-iskop infraskritt"* u kif wkoll ghan-nom u fl-interess ta' martu Luigia Spagnol *"issanaw u irratifikaw l-att ta' bejgh ... ... ippublikat fis-sebgha (7) ta' Lulju elf disa' mija hamsa u disghin (1995) fis-sens illi kellhom ikunu tlett ottavi (3/8) indivizi ohra appart min-nofs (1/2) indiviz u ottav (1/8) indivizi ohra illi kellhom jigu assenjati fuq dak l-att, liema tlett ottavi (3/8) jappartjenu lill-ahwa Carmela, Vincenza u Rebecca Frendo, u ghal kull buon fini, u jekk hemm xi htiega, jergu jbieghu l-imsemmija tlett ottavi (3/8) lill-comparenti Emanuel Spagnol."*

(ix) Qabel ippubblika dawn iz-zewg kuntratti, in-Nutar Carbonaro ma ghamilx ricerki fit-trasferimenti, imma qaghad fuq dak li qallu l-imputat.[13]

(x) Jidher li Rebecca Galea kienet l-unika wahda mit-tlett ahwa li zammet xi forma ta' kuntatt ma' Maria Dolores Ellul. It-tifla ta' Rebecca Galea, Susan Bianchi, xehdet li xi snin qabel mietet Maria Dolores Ellul kienet qaltilhom li l-imputat kien qieghed idur biha u jaghmlilha xi qadi. Hu kien ikun prezenti fid-dar taghha meta kienu jzuruha, u Susan Galea xehdet li l-imputat kien qalilha biex qabel izuruha icemplu lilu fuq il-mobile, biex jifthilhom il-bieb.

(xi) Maria Dolores Ellul mietet fit-19 ta' Novembru 2015, u fl-ahhar testment taghha tad-19 ta' Ottubru 1997, fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro hija innominat bhala uniku eredi universali taghha lill-imputat, bil-kundizzjoni li dan *"jibqa' jipprestalha l-istess kuri u assistenzi illi qieghed fil-presenti jaghmel maghha, u wara il-mewt taghha, jaghmlilha funeral decenti a spejjes tieghu."*[14]

(xii) Wara l-mewt ta' Maria Dolores Ellul, l-imputat kellem lil Susan Bianchi bhala mandatarja ta' ommha l-werrieta Rebecca Galea sabiex tinbiegh id-dar li fiha kienet toqghod Maria Dolores Ellul, u li kienet thalliet lilha bi prelegat minn missierha.

[13] Ara fol. 94 tal-process.
[14] Ara fol. 87 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li Rebecca Galea kienet l-unika wahda mit-tlett ahwa li zammet xi forma ta' kuntatt ma' Maria Dolores Ellul. Pero ma ntlahaqx ftehim fuq il-valur ta' din id-dar.

(xiii) Susan Bianchi saret taf bl-att pubbliku korrettorju li l-imputat ghamel ghan-nom *inter alia* ta' tlett ahwa Frendo fl-1997 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro. Ommha Rebecca Galea sostniet li hi qatt ma kienet tat mandat verbali lill-imputat biex jidher fuq dan il-kuntratt ghan-nom taghha. Peress li Carmela Spiteri kienet mietet fit-3 ta' Gunju 1995, kwazi sentejn qabel gie ippublikat li sar dan il-kuntratt, Rebecca Galea sostniet li Carmela Spiteri qatt ma setghet tat mandat verbali lill-imputat fl-1997. In oltre, Rebecca Galea sostniet ukoll li Vincenza Ellul kienet emigrat l-Awstralja u ntilef kull kuntatt maghha, u ghalhekk ma hemmx provi li din tat mandat verbali lill-imputat. Rebecca Galea sostniet ukoll li ohtha Maria Dolores Ellul zgur ma ma bieghetx il-fond in kwistjoni bil-prezz ta' Lm3000. Ghaldaqstant, b'ittra tal-21 t'Awwissu 2016 Rebecca Galea ghamlet kwerela lill-Pulizija fil-konfront tal-imputat.

(xiv) Rebecca Galea giet interdetta mill-atti tal-hajja civili b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) datat 16 ta' Mejju 2019.[15]

(xv) Fil-21 ta' Lulju 2021, il-Prosekuzzjoni intavolaw il-proceduri odjerni kontra l-imputat fejn jinsab mixli mir-reat ta' misapproprazzjoni fir-rigward tal-kuntratt ta' datio in solutum tas-7 ta' Lulju 1995, u bir-reati ta' dikjarazzjoni falza lill-awtorita pubblika, truffa, qerq innominat u serq fir-rigward tal-att pubbliku korrettorju tal-20 t'April 1997.

16. Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ta' misappropjazzjoni, it-tezi tal-Prosekuzzjoni hi li Maria Dolores Ellul qatt ma kienet awtorizzat lill-imputat biex jidher ghan-nom taghha f'kuntratt ta' datio in solutum fl-1995, u jassenjaha lilu innifsu. Il-Prosekuzzjoni targumenta li kieku vera Ellul awtorizzat lill-imputat biex jaghmel dan, allura ma kienx ikun hemm il-htiega li sentejn wara, fl-1997, hija taghamel testment u thallilu dik id-dar. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat deher fuq il-kuntratt ta' datio in solutum a bazi ta'

[15] Ara fol. 43 tal-process.

prokura generali moghtija lilu minn Ellul, liema prokura giet annessa mal-kuntratt. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tattakka dik il-prokura. L-argument li Ellul ma ridietx tittrasferilu d-dar matul hajjitha, ghaliex li kieku ma kinietx thalliha lilu fit-testment li ghamlet 1997 ma jreggix. Effettivament f'dan it-testment, id-dar ma ssemmietx espressament. F'dan it-testment, Ellul sempliciment istitwiet lill-imputat bhala uniku eredi universali taghha. Il-fatt li Ellul kienet diga ittrasferietlu l-uniku proprjeta immobbli taghha fl-1995, ma jfissirx li Ellul ma kellhix assi ohra, anke jekk mobbli, li riedet tittrasferihom lilu *causa mortis*. In oltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, Maria Dolores Ellul ma qalet xejn b'dan it-trasferiment tad-dar lil ohtha Rebecca Galea u lil bint Rebecca, Susan Bianchi – kif xehedet l-istess Susan Bianchi – dan ma jikkostitwix prova lanqas a bazi *prima facie* li l-imputat ittrasferixxa din id-dar fuq ismu b'mod illegali jew ikkommetta r-reat ta' misapproprjazzjoni fil-konfront ta' Maria Dolores Ellul. Hija setaa' kellha r-ragunijiet taghha ghalfejn ma tghidx lil ohtha dwar dan it-trasferiment. L-unika persuna li setghet tixhed fuq ic-cirkostanzi ta' dan il-kuntratt, hija Maria Dolores Ellul, li llum hija mejta.

17. Fil-verita, id-difiza m'hix verament tikkontesta l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, li prattikament kollha jikkonsistu f'atti notarili, certifikati mahruga mir-Registru Pubbliku u ricerki fir-Registru Pubbliku. Il-kontestazzjoni fil-kaz odjern hija ta' indoli legali. Il-Prosekuzzjoni qed tissottometti li ladarba qatt ma gie ippubblikat att pubbliku li bih Maria Dolores Ellul giet immessa fil-pussess tal-prelegat tad-dar mhollija lilha minn missierha, id-dar kienet ghadha ghand l-erba' (4) werrieta ta' Nazzareno Fenech, u l-proprjeta tad-dar ma setghetx tigi trasferita mill-imputat bhala mandatarju ta' Maria Dolores Ellul, qabel ma l-propjeta iddur fuq isimha, wara li jigi ippublikat l-att tal-immissjoni fil-pussess. Il-Prosekuzzjoni tissottometti li l-kuntratti li ghamel l-imputat, minghajr ma kien sar att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess, jikkostitwixxu reati li bihom jinsab mixli, ghaliex id-dar kienet ghadha ghand il-werrieta – anke jekk dawn kienu obbligati skond it-testment ta' missierhom li jaghtuha lil Maria Dolores Ellul - u l-imputat hadielhom b'mod illegali. In oltre, skond il-Prosekuzzjoni l-imputat ma kellux il-prokuri verbali tat-tlett werrieta l-ohra, kif iddikjara fil-kuntratt tal-1997.

18. Min-naha l-ohra id-difiza tissottometti illi meta sar il-kuntratt ta' datio in solutum fl-1995, Maria Dolores Ellul kienet is-sid uniku tad-dar, li kienet giet trasferita lilha b'titolu ta' prelegat. In oltre, id-difiza tghid li hija diga kellha l-pussess taghha ghax minn wara l-mewt ta' missierha baqghet toqghod f'din id-dar. Allura, skond it-tezi tad-difiza Maria Dolores Ellul setghet tiddisponi minnha kif riedet, minghajr il-htiega li qabel jigi ippublikat l-att ta' immissjoni fil-pussess. Id-difiza tissottometti li b'dan il-kuntratt ma sar l-ebda qliegh illegali mill-imputat, ghax l-unika persuna li setghet tallega dan u tixhed dwaru, Maria Dolores Ellul, illum hija mejta. Rigward il-kuntratt korrettorju tal-1997, id-difiza tghid li ma gie kommess l-ebda qliegh illegali, ghaliex fl-1997, il-proprjeta intiera tad-dar kienet diga ghaddiet f'isem l-imputat bil-kuntratt tad-datio in solutum tal-1995. Rigward l-imputazzjoni li l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza, id-difiza targumenta li anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi ippruvat li saret dikjarazzjoni falza meta gie ippubblikat il-kuntratt tal-1997, sabiex jissussisti hemm ir-reat, m'hux bizzejjed li tkun saret dikjarazzjoni falza, imma hu necessarju wkoll li l-Prosekuzzjoni tipprova li b'din id-dikjarazzjoni falza, l-imputat kiseb vantagg ghalieh (Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali). Ladarba l-proprjeta tad-dar fl-intier ta]ghha kienet diga ghaddiet lill-imputat fl-1995, skond id-difiza, anki jekk jigi ippruvat li l-imputat ma kellux il-prokuri verbali tal-werrieta meta huwa deher fuq il-kuntratt korrettorju tal-1997, b'dan il-kuntratt huwa ma seta' jikseb l-ebda vantagg.

19. Mis-suespot, huwa car li t-tezi tal-prosekuzzjoni fil-kaz odjern tiddependi fuq il-kwistjoni jekk kienx hemm bzonn li jigi ppubblikat att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess qabel ma' Maria Dolores Ellul setghet titrasferixxi d-dar li kienet wirtet bi prelegat lill-imputat. Jekk it-twegiba hija fl-affermattiv, allura wiehed jista' forsi jargumenta li *prima facie* huwa ghamel xi forma ta' gwadann illegali a detriment tal-werrieta billi deher fuq il-kuntratti tal-1995 u 1997. Pero jekk it-twegiba hija fin-negattiv, allura certament l-imputazzjonijiet li bihom jinsab mixli ma jistghux jirrizultaw lanqas fuq bazi *prima facie*, ghax bhala s-sid assolut tad-dar, Maria Dolores Ellul setghet tiddisponi minnha kif riedet, u anke jekk ghal grazzja tal-argument biss jigi ippruvat li l-imputat ma kellux il-prokuri tal-werrieta meta deher fuq il-kuntratt tal-1997, xorta ma gie kommess l-ebda reat, ghax b'dan il-kuntratt ma

kiseb l-ebda vantagg, ghax il-proprjeta tad-dar fl-intier taghha kienet ghaddiet ghandu bil-kuntratt ta' datio in solutum ippubblikat fl-1995.

20. Il-Kodici Civili huwa sieket dwar x'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jigix ippubblikat att ta' immissjoni fil-pussess ta' prelegat. Fis-sentenza **Maurice Busuttil et vs Joseph Meli et** deciza fil-5 t'Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Issa waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lill-legatarju li jigi immess fil-pussess ta' l-oggett lilu mholli b'legat, dan il-jedd ma jistghax jigi interpetat li jfisser illi l-proprjeta ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt jew li sakemm issir immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' ta' proprjeta tat-testaturi tal-aventi kawza minnhom. Dan ghadu punt xi ftit kontrovers kif jidher ukoll mill-konsiderandi tas-sentenza ta' din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg vs Emanuele Vella et**, deciza fit-3 ta' Marzu 1995 … …*

*Zgur li l-ligi riedet illi l-legatarju, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat mal-mument tal-mewt tat-testatur, ma ghandux id-disponibilita shiha ta' l-oggett lilu legat, sakemm ma jigix immess fil-pusses stieghu mill-werrieta li min-naha taghhom sa dak il-mument ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghaliex ikun thalla lil haddiehro. Hu proprju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatorja kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett legat qabel ma jkun gie immess fil-pussess tieghu (Vol. XXIX, pt. I, pag. 675). … …*

*F'dan il-kaz mhux qed jigi kkunsidrat jekk il-legatarju kellux jew le l-obbligu li jitlob formalment li jigi immess fil-pussess lilu mholli. Kif jghid il-Baudry Lacantinerie citat fis-sentenza appena imsemmija:*[16]

*"Il legatario non puo essere dispensato dalla domanda di rilascio per volonta del testatore, non puoessere disponsato neppure per il fatto che nel giorno della morte del testatore, egli si trovi nel possesso della cosa legata. A qualunche titolo possieda la cosa legata a titolo*

[16] Vol. XXXIX-I-473 **Carmela Sammut vs Avukat Dr Giuseppe Sacco** deciza fil-21 ta' Mejju 1955 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*per* Imhallef William Harding).

*di coproprietario debuttuario o di affituario il legatario deve in tutti casi chiederne il rilascio solo dopo aver ritenuto che il suo possesso e regolare … …""* (sottolinear ta' din il-Qorti).

21. Fil-kaz odjern jirrizulta illi Maria Dolores Ellul kienet fil-pussess tad-dar mhollija fil-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur missierha, u giet minnu istitwita bhala wahda mill-eredi tieghu. Hija baqghet tgawdi tali pussess ta' din id-dar sa ma mietet. Issa mix-xhieda ta' Susan Bianchi jirrizulta li ommha Rebecca Galea qed tippretendi li hi u z-zewg hutha l-ohra, jew l-aventi causa taghhom, ghandhom sehem mill-proprjeta tad-dar, u li hemm kawza civili pendenti fir-rigward fil-konfront tal-imputat.

22. Din il-Qorti issenjalat dawn il-fatti fil-paragrafu precedenti u iccitat *in extenso* mis-sentenza **Maurice Busuttil et vs Joseph Meli et** sabiex turi li fil-fatt il-kwistjonijiet bejn il-partijiet hija wahda ta' natura civili u mhux kriminali. Jekk l-imputat ikkommettiex jew le xi reat kriminali bl-agir tieghu, jista' jigi biss determinat – ghall-inqas fuq bazi prima facie - wara li tigi deciza l-kwistjoni dwar il-konsegwenzi legali, jekk hemm, tal-fatt li Maria Dolores Ellul qatt ma talbet lil hutha bhala werrieta ta' missierha formalment jimmittuha fil-pussess tad-dar li missierha hallilha bi prelegat fl-ahhar testment tieghu, u dan permezz ta' att pubbliku. Certament, din il-Qorti m'ghandhix kompetenza tiddeciedi din il-kwistjoni, li taqa' esklussivament fil-kompetenza tal-Qrati Civili.

23. Kif sewwa osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole LL.D.** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003:

*"Anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn Gaglione u Borg Cole kienet wahda ta' natura purament civili. … … Din mhix l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ticcensura lill-Pulizija meta din, flok ma tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-inqas prima facie – biex tipprocedi kriminalment, taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulzija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni fuq dak li jkun*

[17] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*biex jezegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux juru li verament hemm kaz ta' reat."*

24. Ghal fini ta' kompletezza, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ibbazat it-tezi taghha fuq il-fatt li skond hi t-testatur Nazzareno Fenech kien jipposjedi fl-intier taghha d-dar li halla bhala prelegat lil bintu Maria Dolores Ellul. Id-difiza ma ikkontestatx din is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni. Waqt li kienet qed tixhed l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Claire Borg din il-Qorti staqsietha jekk fid-data li fiha Nazzareno Fenech xtara d-dar, kienx mizzewweg, ir-risposta kienet li mir-ricerki li l-Prosekuzzjoni kienet se tezebixxi, kien jirrizulta li bejnu u bejn martu kien hemm *"karta taz-zwieg"* u allura din id-dar qatt ma kienet tghajjat ukoll lil martu Catherine Frendo.[18]

25. Mill-atti processwali jirrizulta li Nazzareno Fenech izzewweg lil Caterina Chetcuti fit-8 ta' Settembru 1923.[19] Ricerki fit-trasferimenti tieghu, jirrizulta li hu xtara d-dar in kwistjoni b'att notarili ippubblikat fid-9 ta' Lulju 1954,[20] pero ma jirrizultax li saret xi skrittura ta' qabel iz-zwieg bejnu u bejn martu, lanqas li wara z-zwieg saret xi skrittura li biha Nazzareno Fenech u martu xoljew il-kommunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejniethom. Fil-fatt mir-ricerki tat-trasferimenti ta' martu Catherine Frendo[21] ma jirrizultax li qatt deheret fuq xi att pubbliku, u li hija mietet intestata fil-31 ta' Marzu 1961.[22]

26. Mir-ricerki ta' Nazzareno Fenech jirrizulta wkoll li dan deher fuq skrittura ta' qabel iz-zwieg ippublikata fil-11 ta' Novembru 1962 (cioe wara l-mewt ta' martu), fl-atti tan-nutar Dr Robert Girard, bejn bintu Carmela Frendo u Antonio Spiteri, u dan sabiex jaghti xi affarijiet bhala dota lill-istess bintu. Jidher li l-ufficjali prosekuturi – u hawn il-Qorti ma tistax ma tosservax li tnejn minnhom huma avukati fl-ufficju tal-Avukat Generali – hasbu li peress li fir-ricerki ta' Nazzareno Fenech tirrizulta li deher fuq skrittura ta' qabel iz-zwieg, allura dan ifisser li kien hemm skrittura ta' qabel iz-zwieg bejnu u bejn martu, meta dan effettivament ma hux il-kaz, u anke id-data tal-kuntratt ta' din l-iskrittura – data wara

[18] Ara fol. 134-135 tal-process.
[19] Ara fol. 159 tal-process.
[20] Ara fol. 260 tal-process.
[21] Ara fol. 213 u 152 tal-process.
[22] Ara fol. 163 tal-process.

l-mewt ta' Catherine Frendo - kellha tindika lill-Ufficjali Prosekuturi li dan ma setghax ikun.

27. Konsegwentement, jidher mill-atti processwali fuq bazi *prima facie* li effettivament Nazzareno Fenech ma kienx proprjetarju assolut tad-dar in kwistjoni, imma li din id-dar inxtrat minnu wara z-zwieg tieghu ma' Catherine Chetcuti, u allura din id-dar tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti Minn dan isegwi li jidher ukoll li Catherine Chetcuti kellha n-nofs indiviz tad-dar. Qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXI tal-1993 li emenda l-Kodici Civili, ir-ragel biss kien jamministra l-komunjoni tal-akkwisti, u allura hu biss kien jidher fuq atti pubblici fejn tigi trasferita jew akkwistata propjeta immobbli. Kien ghalhekk li fil-kuntratt tal-akkwist tad-dar in kwistjoni fl-1954, deher biss Nazzareno Fenech.

28. Mal-mewt intestata ta' Catherine Fenech, in-nofs indiviz taghha tad-dar in kwistjoni gie trasferit lill-erba' uliedha, Maria Dolores Fenech, Rebecca Galea, Carmela Spiteri, u Vincenza Ellul, ahwa Frendo, f'porzjoni ta' wahda minn tmienja (1/8) kull wiehed. Dan jispjega ghaliex fil-kuntratt ta' l-1997, l-imputat ghan-nom ta' Rebecca Galea, Carmela Spiteri u Vincenza Ellul iddikjara li dawn kellhom ottav (1/8) indiviz kull wiehed, u li dawn it-tlett ottavi (3/8) kellhom ukoll jigu assenjati lill-imputat fil-kuntratt ta' datio in solutum li gie pubblikat fl-1995.

29. Susan Bianchi xehdet li l-imputat qalilha li fit-testment taghha Maria Dolores Ellul kienet hallietlu n-nofs indiviz taghha, u li l-ahwa (ommha Rebecca Galea u z-zewg hutha l-ohra) ghandhom dritt ghal sehem ommhom, cioe Catherine Frendo mid-dar, u cioe ottava (1/8) kull wiehed.[23]

30. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hija pjuttost perplessa kif waqt it-trattazzjoni orali l-avukat fl-ufficju tal-Avukat Generali issottomettiet illi it-tlett ottavi tad-dritt tal-proprjeta fid-dar tat-tlett werrieta imsemmija fil-kuntratt tal-1997 ma johorgu minn imkien, u li anki l-Prosekuzzjoni kienu perplessi minn fejn kienu gejjin dawn it-tlett ottovi.[24]

[23] Ara fol. 121 u 123 tal-process
[24] Ara fol. 365 tal-process.

31. Min-naha l-ohra, il-Qorti tirrileva li fit-testment tieghu, Nazzareno Fenech halla lil Maria Dolores Ellul il-prelegat tad-dar fl-intier taghha, u mhux tan-nofs indiviz tieghu biss. In oltre, hi kellha l-pussess tad-dar minn meta miet missierha, fit-18 ta' Lulju 1971 sakemm mietet, u l-werrieta l-ohra qatt ma ikkontestaw dan il-pussess. Certament, din il-Qorti m'hix kompetenti sabiex tiddikjara l-konsegwenzi civili ta' dawn il-fatti, li del resto jidher li sfuggew wkoll lill-Prosekuzzjoni. Pero mill-ezitu tal-kwistjoni civili dwar jekk Maria Dolores Ellul kellhiex il-prelegat tad-dar fl-intier taghha, jew nofs indiviz biss u ottava li wirtet minghand ommha, wiehed ikun jista' forsi jiddetermina almenu fuq bazi prima facie, jekk l-imputat ikkommettiex xi reat meta deher ghan-nom tat-tlett werrieta fil-kuntratt tal-1997, u iddikjara li dawn kienu ittrasferewlu s-sehem taghhom ta' ottava kull wiehed tad-dar fil-kuntratt ta' datio in solutum ippubblikat fl-1995.

32. Huwa palezi li l-Prosekuzzjoni ma ezaminatx il-fatti u l-provi li kellha sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha tar-reati – ghall-inqas fuq bazi prima facie – qabel ma istitwiet dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

**Konkluzjoni**

33. Wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-imputat, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tiddeciedi illi m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

34. Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi, flimkien mal-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-htija.

| | |
|---|---|
| | **Doreen Pickard** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |